MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 5

15 ta' Ottubru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.42pm. Huwa rringrazzja lil kulħadd tali sabu ħin jiltaqgħu għal din il-5 minuti laqgħa. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien preżenti fuq il-post fil-ħin.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellhiex ittri tal-apoloġiji.

## 5.2 Approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni 1 Approvazzjoni sabiex isir *overdraft* mal-BOV plc

5.2.1 Is-Sur Cordina qara r-Riżoluzzjoni li kienet tgħid hekk:

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed jaqbel li jsir *overdraft* mal-Bank of Valletta plc sa massimu ta' €150,000 u dan sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jlaħħaq mal-impenji ta' pagamenti dovuti lill-kuntratturi li jkunu qed jaħdmu fuq **proġetti kapitali**. L-intenżjoni hi li jiġi evitat dewmien biex dawn il-ħlasijiet dovuti jiġu proċessati fl-inqas żmien sakemm jingħadda r-rimbors dovut taħt skemi varji minn entitajiet jew il-Gvern Ċentrali.

Stefan Cordina – Proponent, Paul Ciantar – Sekondant

Dott. Cassar saqsa sakemm ħa jibqa' dan l-overdraft u kemm huwa l-massimu?
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan jibqa' hemm sakemm jitlestew il-proġetti kapitali kollha u l-ammont mhux ħa jaqbeż il-€150,000.
Dott. Cassar saqsa wkoll kif waslu għas-somma ta' €150,000?
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien il-Bank li ta parir ibbażat fuq il-*Financial Statements* 2023, *cash flow projections* preparati attaposta u a bażi tal-proġetti kapitali li hemm bħalissa. Il-bank kien tal-parir li tali somma għandha tkopri il-bżonnijiet meħtieġa.

Kulħadd qabel.

## 5.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.45pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Ottubru 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum, 30 ta' Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekutiv |